

4.12.2014

B8-0335/2014

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura  
dwar il-kwantità eċċessiva ta' żejt fil-Baħar Mediterran

**Mara Bizzotto**

**B8-0335/2014**

**Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kwantità eċċessiva ta' żejt fil-baħar Mediterran**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi skont l-istudji mwettqa riċentement minn Legambiente u UNEP MAP (il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent - Pjan ta' Azzjoni għall-Mediterran), il-Baħar Mediterran hu l-aktar wieħed imniġġeż biż-żejt fid-dinja;
- B. billi skont id-data li fih dan l-istudju, l-idrokarburi li jinsabu fl-ilma tal-Baħar Mediterran laħqu l-livell rekord ta' 38 milligramma għal kull metru kubu;
- C. billi hemm ir-riskju li tali sitwazzjoni tiggrava taħt il-pressjoni ta' kuljum ta' 20 % tat-traffikar dinji kollu ta' prodotti taż-żejt;
  - 1. Jitlob lill-Kummissjoni tippoteġi u tippreserva l-ħabitat tal-Baħar Mediterran, li hu importanti kemm mil-lat naturali kif ukoll minn dak soċjali u ekonomiku;
  - 2. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u tal-operaturi kummerċjali, industrijali u turistiċi.